[ *Din ħadet it-tielet premju* ]

# BUQAR GĦAŻIŻ

Fl-ewwel jiem tas-sajf l-ieħor, waqt li x-xemx kienet toqrob sabiex tinħeba' wara x-xefaq, Anni, xbejba bidwija, kienet tkun mimduda fuq wiċċ ta' blata tgħasses merħla mogħoż jirgħu fuq l-irqajja nebbieta ta' xagħra ċkejkna.

Kif kienet tkun hekk imxaħxħa kull tant tgħanni, kull tant tmelles u tkellem lil ħbiebha li jersqu lejha, darba waħda, hija semgħet ħsejjes ta' mixi wrajha. Ħarset l-ura u riesaq għal fuqha sabet żagħżugħ. Minn fuqu għajnejha ma neħħithomx sakemm, mixruba fiha nfisha bil-ġmiel ta' surtu u ta' ħwejġu, b'mistħija liema bħalha qamet bil-wieqfa u wiċċha fil-ħin baxxiet.

"Xbejba, mnejn nikseb ftit ilma nadif għaliex inħossni mejjet bil-għatx ?" saqsiha l-barrani b'leħen li daħlilha f'qalbha.

B'ċaqliqa minn ta' rasha Anni wrietu li tridu jmur magħha. Iż-żagħżugħ malajr obdiha. Bi ftit mixi huma waslu quddiem ġiebja ta' għandar waħdieni. Mingħajr kliem hija mliet barmil ilma kiesaħ, daħlet tiġri ġewwa ġġib buqar żgħir li kellhom merfugħ u ħaslitu mill-għabra. Inbagħad imlietu bl-ilma u newlitu liż-żagħżugħ b'id imregħda, b'għaxqa ta' wiċċ samrani, b'għajnejn kbar u suwed tuta jleqqu bid-dija ħamranija ta' nżul ix-xemx, b'xofftejn ħomor qrolla u b'qalb trid tinqasam bit-taħbit.

Bilkemm huwa leħaq taffa' l-għatx li kellu li ma taħiex il-lejl it-tajjeb. Anni, kollha mqanqla, qagħdet taraħ jitbiegħed; u għad illi min jaf fejn kien mar, id-dehra tiegħu u leħnu kienu baqgħu magħha.

"Kemm-il-mniegħel sejra ddewwem dawk il-mogħoż barra?" instemgħet tidwi l-mistoqsija mbaqbqa ta' missierha hu u dieħel għall-għaxa tiegħu.

Anni nħasdet u beżgħet; u f'ħin qasir kellha ssewwi n-nuqqas tagħha.

Malli kielet marret torqod wisq ħusbiena. Qrib nofs il-lejl hija stembħet, qamet fil-ħin, qabdet il-buqar u ħarġet tgħaġġel bih lejn il-ġiebja. Iżda mita ma' dwarha ma sabitx għajr żiffa ħafifa, ħemda u dalma miksura biss mid-dawl mitbiel talkwiekeb, tgħallmet illi l-bniedem joħlom.

Hija reġgħet daħlet il-ġewwa u mħawda bl-ewwel ħolma tagħha u mfixkla bl-inħir qawwi ta' missierha, issoktat, il-lejl tgħannaq u tbus il-buqar.

Ma' tul il-jiem taħseb u ma' tul il-lejieli toħlom fuq il-bniedem li mess il-buqar b'idejh, iż-żagħżugħa bidwija għaddiet ix-xhur ta' bejn is-sajf u x-xitwa; xhur li temmulha s-sikta ta' moħħha u ta' qalbha u li fihom il-buqar għażiż infexxet tqim bil-ġenn.

Missierha u ommha ndunaw bil-bidla tagħha; ukoll rawha kemm-il-darba bl-imbierek buqar f'idejha. Għodwa waħda, wara li kienu xebgħu jsejħulha għall-għażiq, daħlu jfittxuha fil-għorfa. Hemm kienu sabuha bil-qegħda f'rokna belhâna tħares lejn il-buqar. L-omm, fgata f'demmha, ħatfet it-tifkira ta' bintha u dlonk sabbtitha ma' l-art

"X'tak għalih minn xi tliet xhur il-hawn, anqas li saħħrek?" ried ikun jaf missierha.

"Hekk...hekk, issa żgur ma titlifx żmien aktar fuqu...isa imxi agħżaq," qabżet ommha.

Anni ma wiġbithom xejn għajr ilfiq ta' qsim il-qalb. Hekk imbikkija hija ġabret il-biċċiet, egħżeż minn ġawhar għaliha, u ħarġet tiġri taħbihom xi mkien imwarrab.

Ġimagħtejn wara ommha lemħitha ħdejn borġ ġebel bil-fdal tal-buqar f'ħoġorha. Anqas kien għadda jum ieħor li Anni ma sabitx il-moħba tagħha battâla. Miskina, kif ħasset bħal id tal-ħadid tagħfsilha qalbha, kif infexxet fi tnehida twila, xħin gelgul ta' dmugħ ħareġ minn għajnejha.

Oh xbejba minsija ġor-raba' kemm ħabbejt u kemm qimt waħdek għal xejn, biex iż-żagħżugħ li kebbsek bl-imħabba ma fehemx il-ġieh u s-sbuħija tiegħek; u biex fl-aħħar dawk ta' darek firduk għal dejjem mill-buqar għażiż li kienlek il-faraġ tas-safja qalbek.

Maltinu (Nazzarenu Carabott).